MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tas-16 ta' Lulju, 2007

Rikors Numru. 695/2007

Henry Depasquale
vs
Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tas-socjeta` Publishers Group (PEG) Ltd li bih esponiet:

Illi fid-29 ta' Mejju 2007 f'dawn l-atti l-intimat ottjena l-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju kontra s-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta' disat elef u hames mitt Lira Maltija (Lm9,500) b'imghax ta' tliet mija u tlieta u sebghin Lira Maltija u sitta u tletin centezmu (Lm373.36).

Illi s-socjeta` Publisher Enterprises Group (PEG) Ltd kienet diga hallset lill-intimat dawn il-flejjes izda l-intimat naqas li jirritorna l-kambjali li kellu f'idejh (u li fuqhom ibbaza l-hrug tal-istess mandat) lis-socjeta` rikorrenti.

Illi l-ammont originarjament dovut lill-Henry Depasquale mis-socjeta` rikorrenti thallas fl-intier tieghu. Xorta wahda Henry Depasquale ipproceda billi pprezenta ittra ufficjali kontra Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd fil-11 ta' April 2007 sabiex jirrendi l-istess kambjali ezegwibbli skond l-artikolu 253 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi s-socjeta` PEG ipprezentat rikors fl-24 ta' April 2007 (u cioe` fiz-zmien stipulat mill-Ligi) sabiex topponi l-ezekuzzjoni tal-istess. Illi l-mandat kawtelatorju sucitat inhareg fl-ewwel gurnata tas-smiegh tar-rikors.

Illi dan il-mandat gie ezegwit u notifikat lill-banek lokali.

Illi fil-kaz ta' mandat kawtelatorju l-Ligi tirrikjedi li kemm-il darba dan jigi allokat, hemm il-htiega li min jitlob il-hrug ta' l-istess rikors 'jaghmel il-kawza' (art. 849 kombinat mal-art 843 (1) tal-Kap 12). F'dan il-kaz u skond l-ammont pretiz mill-intimat, il-kawza kellha ssir permezz ta' rikors guramentat quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili.

Illi fi kliem din il-Qorti: ***'Ma jistax jinghad li r-regoli tal-procedura qeghdin fil-Kodici bhala tizjina kosmetika biex tohloq damma ta' regoli li jimpressjonaw imma li ma jiswew ghal xejn. Il-harsien tal-procedura huwa l-garanzija li r-regoli tal-amministrazzjoni tal-gustizzja jkunu disponibbli ghal kulhadd indaqs u maghrufa u mhaddmin bla distinzjoni'*** (Rikors Nru:6/01JRM – Prima Awla (Sede Kostituzzjonali) – deciza 9/10/2001 fl-ismijiet: Dr. Harry Vassallo vs Onor. Prim Ministru et).

Illi din ir-regola procedurali li tirrikjedi li l-allegat kreditur jistitwixxi kawza biex jiddeduci l-pretensjoni tieghu qeghda biex tassigura li l-istitut tal-mandati kawtelatorji ma jigix abbuzat, kif facilment jista' jigri, bil-hsieb li jivvessa lill-allegat debitur.

Illi wara l-prezentata ta' l-imsemmi mandat, l-intimat Henry Depasquale naqas milli jintavola kawza fiz-zmien preskritt mill-Ligi fejn kellu jressaq il-jedd pretiz minnu skond ma tezigi l-Ligi.

Illi ma setax jinghad li l-procedura istitwita mis-socjeta` rikorrenti (l-allegat debitur) permezz ta' rikors u intiza sabiex twaqqaf l-ezegwibbilita` tal-istess ittra ufficjali prezentata mill-intimat tinkwadra ruhha f'dak li tirrikjedi l-Ligi (art 849/843(1) Kap 12). Il-Ligi tirrikjedi b'mod car u inambigwu li r-rikorrenti ghandu jaghmel il-kawza. Illi Depasquale naqas li jaghmel dak li l-Ligi kienet timponi fuqu li jaghmel wara li kien talab u ottjena l-hrug tal-mandat kawtelatorju kontra l-appellant u ghalhekk l-effett tal-mandat in kwistjoni ghandhom jispicca b'effett immedjat.

Illi inoltre l-imsemmi mandat ta' sekwestru kien qed jikkawza pregudizzju kbir u ingust lis-socjeta` rikorrenti u ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh anke peress li l-ammont diga thallas fl-intier tieghu. Is-socjeta` rikorrenti ghandha prova ta' kull pagament li sar lill-istess intimat in sodisfazzjon tal-kreditu li kellu lejha.

Is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti:

1. Tirrevoka u thassar il-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet u bin-numru premessi a tenur tal-artikolu 836(1) (a) u (f) tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap 12);

2. Tikkundanna lis-sekwestrant ihallas penali li tmur ghand ir-rikorrenti u danni;

3. In difett li tilqa' l-ewwel zewg talbiet tas-socjeta` rikorrenti, tapplika d-disposizzjonijiet tal-artikolu 838A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna lis-sekwestrant sabiex jaghti, fit-terminu qasir u perentorju li din il-Qorti joghgobha tipprefigi, garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali li tista' tigi imposta u ta' danni u imghax u fin-nuqqas li tinghata garanzija fit-terminu ordnat tnehhi l-mandat premess.

Bl-ispejjez u b'riserva ghal provi u sottomissjonijiet ulterjuri.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta tal-intimat li biha espona:

Illi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti kellhom jigu michuda bl-ispejjez u dan ghas-segwenti ragunijiet:

Illi l-artikolu li fuqu s-socjeta` rikorrenti qed tibbaza t-talba taghha ghar-revoka tal-mandat de quo huwa l-artikolu 843 (1) tal-Kap. 12 li jghid:

***"Ir-rikorrenti ghandu jaghmel il-kawza ghall-jedd imsemmi fil-mandat fi zmien ghoxrin jum mill-hrug tal-mandat."***

Illi kien minnu li m'hemmx disposizzjoni ad hoc illi tikkoncerna l-hrug ta' mandati waqt li jkun hemm pendenti proceduri biex kambjala tigi reza ezekuttiva skond l-artikolu 253 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi pero` kien evidenti li l-artikolu 843(1) tal-Kap 12 hawn fuq citat ma kellux jinghata interpretazzjoni restrittiva kif kienet qeghda taghtih is-socjeta` rikorrenti. Kien evidenti li l-intenzjoni tal-ligi hija li r-rikorrenti jkun mexxa proceduri biex jottjeni titolu ezekuttiv fi zmien ghoxrin gurnata mill-hrug tal-mandat. Dan tant huwa minnu li f'kazijiet ta' separazzjonijiet il-ligi testendi dan it-terminu sa wara li jinghata digriet fejn il-partijiet ikunu gew awtorizzati jipprocedu ulterjorment.

Illi li kieku kien mod iehor allura fil-proceduri kollha li jigu inizzjati skond l-artikolu 253 tal-Kap 12 il-mittenti ma' jista' qatt jikkawtela l-pretensjonijiet tieghu ghaliex kull m'ghandu jaghmel l-intimat ikun illi jippresenta rikors biex jikkontesta l-validita` tal-kambjali u sadanittant jopponi ghall-hrug ta' mandati kawtelatorji.

Illi finalment dwar it-talba ghall-garanzija xierqa ghall-hlas ta' penali din kellha tigi michuda stante li mill-proceduri li hemm pendenti dwar il-validita` tal-kambjali jirrizulta li s-socjeta` rikorrenti ma kellha l-ebda raguni valida biex tattakka l-istess u l-proceduri huma biss tentattiv biex tiggwadanja z-zmien.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Il-kwistjoni hija kollha jekk is-socjeta` Publishers Enterprises Group (PEG) Limited ghandhiex id-dritt fl-istadju odjern li titlob ir-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju kawza tal-fatt li ma giex prezentat rikors guramentat fit-terminu ta' 20 gurnata minn meta gie accettat ir-rikors ghall-Mandat ta' Sekwestru, liema mandat gie ezegwit u notifikat lill-banek lokali. L-imsemmija socjeta` ssostni li l-applikazzjoni tal-artikolu 843(1) tal-Kap 12 li fil-kaz in ezami hemm il-kontestazzjoni li l-imsemmija socjeta` kienet gja hallset lil Henry Depasquale l-flejjes imsemmija izda l-intimat naqas li jirritorna l-kambjali li kellu f'idejh. Ma hemmx dispozizzjoni ***ah hoc*** dwar mandati fil-kaz ta' proceduri biex kambjala tigi reza ezekuttiva skond l-artikolu 253 tal-Kap 12. Min-naha l-ohra ma jistax Henry Depasquale jaghmel talba ghal Mandat ta' Sekwestru u ma jsegwihx bil-proceduri ordinarji.

**D. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi tipprefiggi terminu ta' 20 jum mil-lum lil Henry Depasquale biex jintavola l-proceduri opportuni, izda ma thossx li ghandha tilqa' t-talbiet l-ohra fir-rikors.

Spejjez bin-nofs.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------